Meta l-ewwel konsonanti hija gutturali (*ħ*, *q* jew *għ*), il-vokali *a* titbiddel f'*o*. Eż: *Ħeba, aħbi, moħbi*; *qela, aqli, moqli*; *għema, agħmi, mogħmi*.

Il-partiċipju passiv jew passat tal-Verbi Moħfijin, li huma intransitivi, bħala regula, isir fuq il-għamla ta' l-ewwel sura mnissla, jiġifieri, billi jżidu *m* ma' dik is-sura. Eż: *Dar, dawwar, mdawwar*. Dawk li huma transitivi, jagħmlu l-partiċipju passat jew passiv fuq dak tat-trilitteri sħaħ. Eż: *Sab, (sajab) misjub*; *qis, (qejes) meqjus*.

Il-verbi Torox jagħmlu l-partiċipju passat jew passiv billi jdaħħlu l-vokali twila *u* bejn it-tieni u t-tielet konsonanti, u vokali *i* jew *a* bejn il-preformativa *m* u l-ewwel konsonanti, Hija *a* jekk il-konsonanti hija *r* jew gutturali, u hija *i* jekk tkun konsonanti oħra. Eż: *Ħatt, maħtut*; *għadd, magħdud*; *radd, mardud*; *sadd, misdud*.

Fil-verbi kwadrilitteri jew imnisslin tiżdied il-preformativa *m*. Eż: *Qalleb, mqalleb*; *tertaq, mtertaq*, u l-vokali ma jittifsux. Fil-verbi mnisslin minn verbi tat-tielet konsonanti dgħajfa, il-vokali *a* ta' l-ewwel sillaba titbiddel f'o. Eż: *Għatta, mgħotti*; *għadda, mgħoddi*; *ħalla, mħolli*; *saqqa, msoqqi*.

Il-vokalizzazzjoni tal-verbi, li kif rajna, hija msensla ma' liġijiet ta' reqqa fonoloġika, ma deherlix li setgħet tidħol fis-sehem tat-Tieni Ktieb tal-Grammatka Maltija li ħriġt dan l-aħħar, mingħajr ma ngħabbi l-moħħ ta' l-istudent b'biċċa studju li iktarx tmur fi Ktieb ieħor fejn il-Fonetika jkollha sehem kbir ma' dik tal-Morfoloġija avanzata.

A. C.

# LIL MALTA

Iżda daqsek lil ħadd. Inħobb fis-sewwa
lill-ġara tagħna, l-omm tal-poeżija;
lil-Isien tagħha li jdoqq mimli bil-ħlewwa,
u 'l ġensha ħili, bieżel, alenija;

Inħobb iżjed lill-oħra, l-lum ta' ġewwa,
li għandha fehma daqs l-azzar qawwija,
li taf tirbaħ u taħfer lill-egħdewwa,
sultana ta' qalb kbira u omm għaqlija :

iżda daqsek lil ħadd, o Malta tiegħi,
għax int biss ommi, inti tajtni l-isem,
u għadmek għadmi u demmek jiġri miegħi.

Daqsek lil ħadd; għaliex jekk inti żgħira,
setgħetek huma kbar fir-ruħ u l-ġisem,
u ġmielek sa fil-kbar nissel il-għira.

Dun Karm